MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2012

Numru. 21/2011

**Il-Pulizija**

**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**VS**

**Carmen Buttigieg ta' 40 sena bint Joseph Agius u Ursola nee' Cini, imwielda Rabat, Ghawdex nar id-09 ta' Novembru 1971 u toqghod Kenn Marjan, Santa Elia Street, Xewkija, Ghawdex detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 28771(G)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputata Carmen Buttigieg akkuzata talli nhar is-16 ta' Frar 2011, ghal habta tal-kwarta ta' wara nofs in-nhar (12:15hrs) gewwa r-Rabat, Ghawdex minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed

il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunat ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Bianca Neurohr (ID No. 61017A) hekk kif iccertifikat minn Dr. Peter Muscat MD.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta' dana l-procediment.

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tas-7 ta' April 2011.

Semghet lill-imputata tiddikjara li ma kellhiex oggezzjoni sabiex dana l-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja minn din il-Qorti.

Semghet il-provi.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

L-imputata tinsab akkuzata bir-reat tal-offiza gravi fuq il-persuna ta' Bianca Neurohr. Jinghad qabel xejn illi sabiex jissusti r-reat tal-offiza volontarja, hi mehtieg l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. "*Jekk l-intenzjoni ta' l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid iwiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta' l-ghemil tieghu*." (ara sentenza Il-Pulizija vs Emanuel Zammit deciza Appelli Kriminali 30/03/1998).

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta indubbjament ippruvat illi l-imputata kienet irrabjata ghall-parti leza u s-sieheb taghha certu Christan Ruediger billi huma ma kinux hallsuha xi arretrati tal-kera. Fil-fatt mill-atti jidher illi l-imputata, xi ftit xhur qabel l-incident, kienet kriet appartament lil dawn it-tnejn minn nies izda dawn ma bdewx ihallsuha l-kera tant illi fl-ahhar spiccat keccikthom 'il barra. Huma madanakollu baqghu ma hallsuhiex dak li kien dovut lejha u hi baqghet tigri warajhom permezz tal-agent taghha certu Charles Attard, agent mal-agenzija Frank Salt u anke permezz tat-telefon. Minn hawn hi dehrilha illi dawn

in-nies bdew ighadduha biz-zmien u anke fl-ahhar bdew jippruvaw jevitawha. Dina l-attitudni qanqlet sens ta' frustrazzjoni u rabbja fl-imputata tant illi bdew jintbghatu anke messaggi b'theddid u insulti mill-mobile taghha lil Ruediger. Ghalkemm l-imputata issostni illi kien zewgha li kien qed jibghat dawn il-messaggi permezz tal-mobile phone taghha, il-Qorti qajla temminha billi rrizulta fil-kors tax-xhieda taghha illi hija kienet kemmxejn irrabjata ghal dawn in-nies. Inoltre zewgha qatt ma ngieb jixhed sabiex jikkonferma dak li qed jigri.

Gara illi fil-jum tal-incident l-imputata lemhet lil Nuerohr u li Ruediger mexjin gewwa r-Rabat. Hija marret dritt ghal fuqom u talbithom il-flus. Izda huma ma ridux ikellmuha f'nofs tat-triq, bdew jippruvaw jinjorawha u baqghu mexjin. L-imputata izda baqghet issegwihom u timxi warajhom u kompliet tinsisti ma' Ruediger ghall-hlas. Minn hawn 'il quddiem ma hemmx qbil bejn il-partijiet ghar-rigward ta' dak li sehh. Ruediger ighid illi huwa kien b'dahru lejn l-imputata u meta dar raha qed tgholli l-minkeb u tolqot lil Nuerohr f'imnehirha. Neurohr minn naha taghha tikkonferma dak li jghid is-sieheb taghha. Tiftakar illi l-imputata kienet irrabjata u bdiet tghajjar lil Christian, issostni illi hi fl-ebda hin ma indirizzat lill-imputata u li din ghal xejn b'xejn tatha daqqa. Tghid illi grat malajr wisq u ma tafx kif laqtitha Buttigieg. Taf li rat idejha u hasset id-daqqa. L-imputata minn naha taghha kemm a tempo vergine kif ukoll meta tixhed quddiem il-Qorti tammetti illi laqtet lil Nerohr izda tghid illi ghamlet dan b'mod accidentali. Hija tghid illi Neurohr gebbditilha xagharha, hi daret fil-pront u laqtitha fuq imnehirha.

Illi minn ezami ta' dawn il-provi jemergu is-segwenti fatti. Fl-ewwel lok ma hemmx dubbju illi l-imputata kienet irrabjata ghal Ruediger u Neurohr. Tant kienet irrabjata illi lanqas biss kellha kontroll fuq l-azzjonijiet taghha. Meta innotat illi dawn kienu qed jinjorawha u jippruvaw jevitawha hija iktar bdiet tigri warajhom u tinsisti maghhom ghall-hlas. Ma hemmx dubbju lanqas illi l-imputata laqtet lill-parti leza f'imnehirha u ikkagunatilha griehi. Madanakollu ma hemmx provi konvincenti fl-atti illi l-imputata kellha xi intenzjoni generika illi taghmel hsara lil

Neurohr. Fil-fatt ma hemmx provi li jindikaw illi l-imputata xejret daqqa intenzjonalment fid-direzzjoni tal-parti leza. Ruediger ighid illi kien b'dahru lejha u ghalhekk ma setax ighid x'kienu c-cirkostanzi li ipprecedew id-daqqa. Neurohr ukoll issostni illi hi rat l-id u hasset id-daqqa izda ma irrealizzatx kif gara dan. L-imputata minn naha taghha tghid illi hasset lil xi hadd jigbdilha xagharha daret u laqtet lil Neurohr b'minkbejha. Dawn il-provi ghalhekk ma jistghux iwasslu lil din il-Qorti ghall-konvinzjoni morali illi l-imputata xejjret daqqa b'idha intenzjonalment fuq Neurohr sabiex tikkagunalha xi griehi. Dana d-dubbju imur favur l-imputata. Madanakollu jirrizulta sodisfacentement ippruvat illi l-imputata laqtet lil Neurohr u ghalhekk ser issibha hatja li ikkagunat feriti fuq l-imputata b'mod involontarju.

Illi meta tigi biex tqis in-natura ta' griehi sofferti mill-parti leza ghandu jinghad is-segwenti. Meta l-parti leza giet ezaminata *a tempo vergine* minn Dr. Peter Muscat hija kellha tbengila fuq imnehirha u hmurha. Ittihdilha x-ray fejn gie konstatat li kellha xi ksur u giet riferuta ghand specjalista tal-ENT. Meta mbaghad xi granet wara ezaminaha Dr. Eric Farrugia huwa ikkonstata illi kien hemm ksur fl-ghadam tal-imnieher, u kellha xi tbengil. Dana x-xhud isostni illi s-*short bones* tal-imnieher generalment idumu madwar erba' gimghat biex ifiequ u cioe' 28 gurnata. L-espert nominat mill-qorti Dr. Mario Scerri ezamina lill-parti leza tlett xhur wara l-incident u ikkonstata illi l-griehi li kellha l-parti leza kienu fiequ kompletament, izda ma setax ighid jekk il-ksur kienx dam iktar minn tletin gurnata biex ifieq. Illi ghalhekk fid-dawl tal-provi prodotti, il-Qorti ser issib htija biss ghal feriti ta' natura hafifa.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli 225 u 226(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata hatja biss illi ikkagunat offiza involontarja ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Bianca Neurohr u tikkundannaha ghal hlas ta' ammenda ta' €50.

Inoltre wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta torbot lil hatja taht garanzija ta' €250 sabiex izzomm

il-paci ma' Bianca Neurohr u dana ghal zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------